**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 30 ta' Settembru 2020**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 609/2017**

**Federated Association of Travel and Tourism Agents (FATTA)**

**vs**

**Brussels Airlines u**
**International Air Transport Association**
**ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-assocjazzjoni attrici tal-5 ta' Lulju, 2017 permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-socjeta intimata qedha tagixxi rregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 824 tal-Passenger Sales Agreement (PSAA) specifikatament Artikolu Numru 9;
2. Tiddikjara li s-socjeta ntimata qedha tagixxi bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta li tirregola l-Kompetizzjoni Gusta;
3. Tiddikjara li s-socjeta ntimata qedha tagixxi bi ksur tal-artikoli tal-Kodici tal-Kummerc u cioe Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom unikament responsabbli ghal danni rizultanti mill-agir irregolari u in vjolazzjoni tar-Resoluzzjoni Numru 824 tal-imsemmi Passenger Sales Agency Agreement (PSAA) kif ukoll in vjolazzjoni tal-Artikolu 5 ta' Kap 379 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Tillikwida d-danni sofferti mill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti;
6. Tordna u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Tiffissa kummissjoni adegwata li s-socjeta intimata ghandha thallas lill-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti fuq kull biljett tal-ajru u servizzi ancillari kif kontemplat fir-Resoluzzjoni Numru 824;
8. Tordna lis-socjeta intimata sabiex thallas tali kummissjoni fuq kull biljett u servizzi ancillari hekk iffissata minn din l-0norabbli Qorti.

BI-ispejjez kontra l-intimati, inkluz tal-protest gudizzjarju, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' International Air Transport Association permezz ta' liema eccepiet preliminarjament il-karenza ta' interess guridiku da parti tal-federazzjoni attrici, illi hija mhijiex legittimu kuntradittur f'din l-azzjoni u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, li hija m'ghandhiex twiegeb ghall-ebda danni ghaliex ma haditx id-decizjoni li minnha qed tilmenta l-federazzjoni attrici u illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta guramentata ta' Brussels Airlines permezz ta' liema eccepiet illi dawn il-proceduri ghandhom jigu konnessi mal-proceduri tal-kawzi bin-numru 610/2017AF, 611/2017SM u 612/2017LM, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti, illi din il-Qorti ghandha tibghat l-atti lid-Direttur Generali (Kompetizzjoni) sabiex jipprezenta r-rapport tieghu ai termini tal-artikolu 27(1) tal-Att Dwar il-Kompetizzjoni, illi l-federazzjoni attrici ghandha tressaq prova li l-membri li qed tghid li tirraprezenta huma membri taghha u wkoll ta' International Air Transport Association, illi l-federazzjoni attrici kellha tindika liema huma d-disposizzjonijiet tal-Passenger Sales Agency li qed tallega li gew miksura minn Brussels Airlines, u fil-mertu illi hija ma aggixietx bi ksur tal-Passenger Sales Agreement u li ma kkawzatx danni lil federazzjoni attrici.

Rat is-sentenza in parte moghtija fis-27 ta' Gunju 2019;

Rat id-digriet moghti fis-16 ta' Lulju 2020;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li fis-16 ta' Lulju 2020 il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjez;

**Ikkunsidrat**

Din hija sentenza fuq il-kap tal-ispejjez, wara illi l-assocjazzjoni attrici prezentat nota ta' cessjoni permezz ta' liema irtirat il-kawza odjerna fis-16 ta' Jannar 2020, sussegwenti ghas-sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Gunju 2019, liema nota ma gietx accettata mill-assocjazzjoni konvenuta International Air Transport Association (IATA) ghaliex saret b'kundizzjoni, u cioe illi l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

Ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza, il-Qorti tqis utli illi jigi spjegat in succinct l-andament tal-kawza odjerna:

- L-assocjazzjoni attrici intavolat din il-kawza wara illi l-International Air Transport Association (IATA) ikkomunikat lilha illi b'effett mill-1 ta' Lulju 2017 kien ser isehh tnaqqis fir-rata tal-kummissjoni pagabbli lill-agenti tal-ivvjaggar minn 4% ghal 0.1% fuq kull biljett tal-ajru li jinbiegh mill-Agent tal-Ivvjagar. Skont l-assocjazzjoni attrici dan l-agir kien jikkostitwixxi ksur tar-Resoluzzjoni numru 824 tal-Passenger Sales Agreement u ksur tal-Kodici tal-Kummerc b'konsegwenza ta' liema hija soffriet danni. Dawn il-pretensjonijiet gew ribattuti mill-intimati kif indikat aktar -il fuq;

- Permezz ta' digriet datat 3 ta' Ottubru 2017, gew konnessi ma' dawn il-proceduri il-proceduri bin-numru 610/2017AF, 612/2017LM u 611/2017SM peress illi rrizulta lil Qorti li dawn il-kawzi kienu kwazi identici;

- Permezz ta' digriet datat 23 ta' Novembru 2017 il-Qorti irreferiet il-vertenza li ghandha x'taqsam mal-allegati vjolazzjonijiet tal-artikoli 5 u 9 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta lill-Ufficju tal-Kompetizzjoni a bazi tal-artikolu 27 tal-istess att sabiex jisma' l-provi u jirredigi r-rapport opportun;

- Ir-Rapport redat mill-Ufficcju tal-Kompetizzjoni gie prezentat fl-atti tal-kawza fit-12 ta' Novembru 2018. L-Ufficju tal-Kompetizzjoni sab illi ma kien hemm l-ebda ksur tal-artikoli 5 u 9 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fis-27 ta' Gunju 2019 inghatat sentenza in parte dwar l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni moghtija minn Brussels Airlines, l-eccezzjoni tal-karenza ta' interess guridiku moghtija mill-IATA u l-allegati ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta. Permezz ta' din is-sentenza gew michuda l-eccezzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni u l-karenza ta' interess guridiku, filwaqt illi l-Qorti sabet illi ma kienx hemm ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 379 tal-Ligijiet ta' Malta, u ordnat illi l-ispejjez ta' din is-sentenza in parte ghandhom jithallsu mill-assocjazzjoni attrici hlief ghal dawk relattivi ghall-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni mressqa minn Brussels Airlines li giet ordnata tbati l-ispejjez ta' tali eccezzjoni;

- L-assocjazzjoni attrici prezentat nota ta' cessjoni fis-16 ta' Jannar 2020 li kienet taqra hekk: "Nota ta' Iain Tonna…Li permezz taghha qieghed jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li l-Federated Associations of Travel and Tourism Agents (FATTA) qedha tirtira l-kawza odjerna, b'dana li tkun minghajr taxxa";

- Il-konvenuta IATA prezentat rikors fil-21 ta' Jannar 2020 permezz ta' liema talbet lil Qorti sabiex tipprocedi ai termini tal-artikolu 908 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tissokta bis-smiegh tal-kawza wara illi premettiet illi n-nota ta' cessjoni tal-assocjazzjoni attrici giet kwalifikata bil-kondizzjoni "tkun minghajr taxxa" u ghalhekk hija kellha d-dritt li ma taccettahiex ai termini tal-artikolu 908 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Il-konvenuta Brussels Airlines prezentat nota fid-29 ta' Jannar 2020 u sussegwentement fit-12 ta' Frar 2020 permezz ta' liema informat lil Qorti illi kienet qed taqbel illi l-proceduri jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet. Il-konvenuti l-ohrajn ma prezentaw l-ebda oggezzjoni ghan-nota ta' cessjoni tal-federazzjoni attrici;

- Fis-16 ta' Lulju 2020 inghata provvediment minn din il-Qorti permezz ta' liema ddecidiet illi f'dan l-istadju qed tqis il-procediment fil-mertu ezawrit peress illi cessjoni ma tistax tigi rtirata, filwaqt illi l-kawza kellha tkompli ghaddejja limitatament fir-rigward tal-kap tal-ispejjez.

Il-Qorti taghraf illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

> (1) Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez.
>
> (2) Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.

B'referenza ghal dan l-artikolu, ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** (App 16/09/2004) illi:

> Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);
>
> Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din issentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti lohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.

> (Ara wkoll **Raymond Borg et vs Hal Mann Limited** (App 20/10/2003); **Constantino Muscat pro et noe vs Nazzareno sive Reno Muscat et** (App 01/10/2004).

B'mod partikolari fir-rigward tal-akkolazzjoni tal-ispejjez f'kaz fejn il-parti attrici tkun cediet l-atti, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Victor Gauci vs Joseph Micallef et** (PA, 25/07/1985) fejn gie deciz illi:

> …hu issa kien qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni minnu proposta billi kien qieghed jirrinunzja ghall-pretensjoni tieghu avvanzata fil-kawza li jista' jgieghel lill-konvenuti jqieghdu lura l-wires u l-pompa u jhawlu x-xtieli, u kwindi jsegwi li ma jistax jippretendi l-ispejjez tal-kawza minghand il-konvenut.

Il-Qorti tqis illi s-sottomissjoni maghmula mill-assocjazzjoni attrici fis-sens illi l-IATA baqghat tinsisti fuq il-kap tal-ispejjez ghaliex allegatament tgawdi minn posizzjoni dominant qawwija fis-settur tal-avjazzjoni civili fuq livell mondjali hija assolutament irrelevanti, kif inhi ukoll irrelevanti s-sottomissjoni taghha illi l-Assocjazzjoni Ewropeja ta' Agenti tal-Ivjaggar u Operturi ta' Tours instigat proceduri kontra IATA dwar abbuz ta' posizzjoni dominanti li ghadhom pendenti. Id-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez issir ai termini tal-ligi u b'referenza biss ghall-fatti tal-kawza quddiem il-Qorti, u certament m'hijiex influwenzata mill-posizzjoni ta' xi hadd mill-partijiet, jew xi kawza ohra quddiem Qorti ohra, li terga u tghid ghadha lanqas biss giet deciza.

Wara li rat l-atti il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz ma jezistux dawk ic-cirkostanzi straordinarji li jkunu jiggustifikaw decizjoni illi l-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet. L-assocjazzjoni attrici cediet dawn il-proceduri wara d-decizjoni ta' din il-Qorti, moghtija wkoll fid-dawl tal-investigazzjoni maghmula mill-Ufficju tal-Kompetizzjoni li ma kienx hemm il-ksur tal-ligi li gie allegat f'dawn il-proceduri mill-Assocjazzjoni attrici. Ghalhekk l-Assocjazzjoni attrici ma tistax tippretendi illi l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa f'dawn ic-cirkostanzi. B'dan illi dan japplika biss fil-konfront tal-konvenuta IATA, peress illi l-konvenuti l-ohrajn jidher illi accettaw ic-cessjoni kif maghmula mill-assocjazzjoni attrici minghajr riservi.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tordna li l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jithallsu mill-assocjazzjoni attrici sa fejn dawn jirrigwardaw il-konvenuta International Air Transport Association (IATA), filwaqt illi fil-konfront tal-konvenuti l-ohra l-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur